

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8635/21

IXIM 83
JAI 520
AVIATION 117
JAIEX 58

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7376/2/21 REV 2	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti, għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ssuġġeriet li tiġi ppreżentata l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-iskambju ta' data tal-PNR ma' pajjiżi terzi permezz ta' "Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trasferiment ta' data tal-PNR lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti, għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja".
2. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tiġi qabelxejn misħuqa l-importanza tal-iskambju ta' data tal-PNR u l-konformità tiegħu mad-drittijiet fundamentali kif ukoll ta' djalogu kostruttiv bejn l-Unjoni Ewropea u s-sħab globali tagħha f'dan ir-rigward.
3. L-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill (7376/21) intlaqa' b'appoġġ preliminari wara l-ewwel skambju ta' fehmiet fil-laqgħa permezz ta' vidjokonferenza tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM) fil-21 ta' April 2021, li matulha l-membri tal-Grupp ta' Ħidma IXIM qablu dwar is-suġġeriment tal-Presidenza li l-kunsillieri ĠAI jiffinalizzaw l-abbozz.

4. Fil-laqgħa tagħhom permezz ta' vidjokonferenza tas-7 ta' Mejju 2021, il-Kunsillieri ĠAI qablu dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, soġġett għaż-żieda li tinsab fl-ewwel verżjoni riveduta. Ma ġiet ippreżentata l-ebda osservazzjoni lis-Segretarjat Ġenerali sal-iskadenza mogħtija (it-Tnejn, 10 ta' Mejju 2021, 13:00). Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda osservazzjoni sal-iskadenza mogħtija (l-Erbgħa, 12 ta' Mejju 2021, 10:00) dwar it-tieni verżjoni riveduta li tinkludi t-tieni żieda.
5. Peress li l-ebda delegazzjoni ma nnotifikat riżerva dwar l-abbozz rivedut ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill, l-abbozz jitqies bħala maqbul kif jinsab fid-dokument 7376/2/21 REV 2.
6. *Il-Coreper huwa mistieden jippreżenta l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-anness lill-Kunsill u jissuġġerixxi li japprova dawn il-Konklużjonijiet bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu.*

Abbozz ta' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi,

b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti,

għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. FILWAQT LI JIKKUNSIDRA l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi tal-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri¹, u l-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-użu u t-trasferiment tar-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri mid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti² ("il-Ftehimiet"), li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2012 u fl-1 ta' Lulju 2012 rispettivament,
2. FILWAQT LI JENFASIZZA li dawn il-Ftehimiet għandhom l-għan li jiżguraw is-sigurtà u li jipproteġu l-ħajja u s-sikurezza tal-pubbliku, u jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li skont dawn tiġi trasferita, ipproċessata u użata data tal-PNR li ġejja mill-UE, u l-mod kif għandha tiġi protetta dik id-data,
3. FILWAQT LI JFAKKAR li l-kondizzjonijiet u s-salvagwardji biex tiġi riċevuta u pproċessata data tal-PNR miġbura minn linji tal-ajru f'pajjiżi terzi, inkluż fl-Istati Uniti u l-Awstralja, fuq titjiriet skedati lejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew li jitilqu minnhom, huma stipulati fid-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

¹ ĠU L 186, 14.7.2012, p. 4.

² ĠU L 215, 11.8.2012, p. 5.

4. FILWAQT LI JQIS li r-Rapporti³ dwar ir-rieżami konġunt u l-evalwazzjoni konġunta tal-implimentazzjoni tal-Ftehim PNR bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja, u dwar l-evalwazzjoni konġunta tal-Ftehim PNR bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea, ġew ippreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mill-Kummissjoni fit-12 ta' Jannar 2021, u ġew diskussi b'mod preliminari fit-3 ta' Frar 2021 fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM),
5. FILWAQT LI JENFASIZZA li ż-żewġ evalwazzjonijiet konġunti wrew il-valur miżjud u l-effettività operazzjonali tal-Ftehimiet PNR kemm mal-Awstralja kif ukoll mal-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità tranżnazzjonali serja, b'mod partikolari biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli effettivi fuq il-fruntieri, biex jiġi prevenut l-ivvjaġġar tat-terroristi, biex jiġu identifikati individwi assoċjati mal-kriminalità organizzata bħat-traffikar, u biex jiġu investigati t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u titwettaq il-prosekuzzjoni tagħhom,
6. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isforzi li saru mill-Awstralja u mill-Istati Uniti biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Ftehimiet kemm fl-aspetti tekniċi kif ukoll organizzattivi, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tal-passiġġieri,
7. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li minkejja l-ħafna salvagwardji li jinsabu fil-Ftehimiet, diversi aspetti tagħhom mhumieħ kompletament konformi mal-Opinjoni 1/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, maħruġa fis-26 ta' Lulju 2017 wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehimiet u relatata mal-Ftehim PNR mal-Kanada,

³ Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami konġunt tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (5288/21 + ADD 1).
Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni konġunta tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (5285/21 + ADD 1).
Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni konġunta tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-użu u t-trasferiment tar-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (5291/21 + ADD 1).

8. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-pożizzjonijiet espressi mill-Awstralja u l-Istati Uniti, b'mod partikolari fir-rigward tal-importanza u n-neċessità li tinżamm data storika tal-PNR sabiex iwettqu b'mod effettiv l-attivitajiet tagħhom ta' infurzar,
9. FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-oġġettivi tal-Ftehimiet huma konsistenti mal-obbligi internazzjonali li tinġabar, tiġi pproċessata u skambjata data tal-PNR f'konformità mar-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti⁴, li jesiġu li l-Istati kollha jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru u jużaw data tal-PNR, li abbażi tagħhom ġew adottati l-Istandards u Prattiki Rakkomandati (SARPs) dwar il-PNR mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fl-2020 permezz tal-Emenda 28 għall-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago,
10. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/121⁵ li tilqa' l-bidu tal-operat ta' dawn is-SARPs u, permezz tar-reġistrazzjoni ta' differenza, tinforma lill-ICAO u lill-Istati kontraenti tagħha kif l-Istati Membri tal-UE biġisiebhom jimplimentaw l-Istandards f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif interpretata mill-Opinjoni 1/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE,
11. FILWAQT LI JIĠBED ATTENZJONI SPEĊJALI għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea bħala parti integrali mis-sistema ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni li għandha diversi livelli, u għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati reċentement dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea⁶,
12. FILWAQT LI JENFASIZZA l-ftehimiet ta' kooperazzjoni globali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Istati Uniti, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,
13. JILQA' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tar-Rapporti dwar l-evalwazzjoni konġunta tal-Ftehim PNR mal-Istati Uniti, dwar l-evalwazzjoni konġunta u dwar ir-rieżami konġunt tal-Ftehim PNR mal-Awstralja,

⁴ Riżoluzzjoni 2396 (2017) - Adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fit-8148 laqgħa tiegħu, fil-21 ta' Diċembru 2017 u Riżoluzzjoni 2482 (2019) - Adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà fit-8582 laqgħa tiegħu, fid-19 ta' Lulju 2019.

⁵ ĠU L 37, 3.2.2021, p. 6.

⁶ 6795/21.

14. JINNOTA li d-data tal-PNR riċevuta skont dawn il-Ftehimiet uriet biċ-ċar li tirrappreżenta sett uniku ta' data, li huwa kritiku biex jiġi evitat ir-ritorn ta' ġellieda terroristi barranin u biex jiġu miġġielda, b'mod partikolari, il-kriminalità marbuta mad-drogi u l-isfruttament tat-tfal,
15. ITENNI li l-iskambji tad-data tal-PNR ma' dawn il-pajjiżi sħab jibqgħu kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà pubblika komuni tagħna,
16. JAPPREZZA l-kontinwazzjoni tad-djalogu maż-żewġ pajjiżi biex jaħdmu fuq ir-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjonijiet konġunti, mingħajr ma jipperikolaw l-effettività operazzjonali tal-Ftehimiet,
17. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-azzjonijiet ta' segwitu meħtieġa għall-evalwazzjonijiet konġunti,
18. JISĦAQ FUQ l-importanza li jiġi żgurat li d-data tal-PNR tiġi skambjata u pproċessata b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u r-rekwiżiti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data,
19. JINNOTA li, filwaqt tinżamm il-konformità mal-Opinjoni 1/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, sabiex id-data tal-PNR tintuża bil-potenzjal sħiħ tagħha u biex jintlaħqu l-finijiet tal-iskambju internazzjonali tad-data tal-PNR, iż-żamma adegwata tagħha hija essenzjali,
20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi għall-fini tal-ġlieda kontra t-tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO, u f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.